**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 234/2019**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Priscilla Caruana Lee)**

**vs.**

**Kimberlyn Xuereb**

Illum nhar it-30 ta' Novembru 2020

Il Qorti:

Rat li tressqet taht arrest Kimberlyn Xuereb ta' 25 sena, bint Jesmond u Roselina nee' Camilleri, imwielda Pieta nhar is-17 ta' Awissu 1993 u resident gewwa Block 9, 10, Triq il-Gendus, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita' numru 373693M akkuzata talli fl-1 ta' Frar 2018 bejn 22:30hrs u 23:15hrs gewwa Blk 1, St George's, Bieb 1, Flat 1, Triq San Gwann, Valletta:

1. ikkommettiet serq ta' pouch u wallet jikkontjeni dokumenti, credit cards u tletin euros liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-persuna, bil-lok u bil-hin ghad detriment ta' Brian Borg u/jew ta' persuna jew persuni ohra bi ksur tal-artikoli 261 (a)(d)(e)(f), 262 (1) (a) (b), 268 (b), 269 (g), 270, 274 (c), 276A, 277 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ikkagunat offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Brian Borg, persuna li tbati minn marda tal-gisem, skond c-certifikat mahrug minn Dr. Maria Christina Axiaq med. reg. no. 4085 mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana bi ksur tal-artikolu 221 (3), 222A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fil-waqt li ghamlet reat kontra l-persuna ta' Brian Borg kellha fuq il-persuna taghha arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti bi ksur tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ukoll talli hebbet kontra Brian Borg sabiex tingurjah, idejjqu jew taghmel hsara lil din il-persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. ukoll talli hija heddet jew ingurjat lil Brian Borg bi ksur tal-artikolu 339 1 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli ikkommettiet reat fil-perjodu ta' sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D nhar is-27 ta' Marzu 2017 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

7. aktar talli f'dawn il-Gzejjer ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza kif ukoll ordni ta' supervizzjoni u trattament hekk kif mghotija nhar is-26 ta' Lulju 2016, mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel ai termini tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. aktar talli f'dawn il-Gzejjer ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza kif ukoll ordni ta' supervizzjoni u trattament hekk kif mghotija nhar is-26 ta' Lulju 2016, mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel ai termini tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. aktar talli f'dawn il-Gzejjer ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza kif ukoll ordni ta' supervizzjoni u trattament hekk kif mghotija nhar is-26 ta' Lulju 2016, mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel ai termini tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F' kaz ta' htijja l-Qorti ghanda titratta mal-imputata li hija recediva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kienet giet misjuba hatja b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta, li saru definittivi u ghaldaqstant ma' jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Brian Borg jew biex tinzam

l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta` protezzjoni tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta` vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-11 ta' Aprila 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippresjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tal-24 ta' Gunju 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti mill-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-22 ta' Lulju 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe'[4]:

a. Fl-artikoli 261(1)(d)(e)(f), 262(1)(a)(b)(2), 268(b)(d), 269(g), 270, 274(c), 276A, 277(a) u 281(a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) u 222A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 55(a), 57 u 61 tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Folio 5 ta' l-atti processwali
[2] Folio 49-51 ta' l-atti processwali
[3] Folio 60 ta' l-atti processwali
[4] Folio 134-135 ta' l-atti processwali

d. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikolu 22 u 23(1)(a)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 28A, 28B(1)(2)(4)(5), 28C(1), 28G(1)(2)(3)(5)(a) u 412D(1)(2)(3)(4) tal- tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Fl-artikoli 28A, 28B(1)(2)(4)(5), 28C(1), 28G(1)(2)(3)(5)(a) u 412D(1)(2)(3)(4) tal- tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. Fl-artikoli 28A, 28B(1)(2)(4)(5), 28C(1), 28G(1)(2)(3)(5)(a) u 412D(1)(2)(3)(4) tal- tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Fl-artikoli 49 u 50 tal- tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

k. Fl-artikoli 7, 8, 11, 12, 13, 14, 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 23 ta' Lulju 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputata jekk kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata zmien xieraq biex twiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegebet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din

it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-23 ta' Lulju 2020.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Dicembru 2020.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2021[6].

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz sehh meta gie rapportat lill-pulizija li nhar l-1 ta' Frar 2018 ghal-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghaxija persuna b'disabilita' kellu bzonn l-ghajnuna. Illi mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li certu Brian Borg gie aggrediet mill-imputata f'wiccu u serqitu flus wara li kienet marret ghandu bil-hsieb li taghtih massage ghal hamsin Ewro u l-vittma kien biddel fehemtu.

---

[5] Folio 136 ta' l-atti processwali

[6] Folio 181-191 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-16 ta'April 2019, xehdet **l-Ispettur Priscilla Caruana Lee**, stazzjonata fl-Ghassa tal-Belt Valletta, li spjegat kif nhar l-l ta' Frar 2018, il-pulizija tal-ghassa tal-Belt gew infurmati li kien hemm bzonn l-assistenza gewwa Block 1, Door 1, Triq San Gwann, il-Belt Valletta, minhabba li xi hadd kien gie aggredit. Fuq il-post irrikorrew PS 549 Reuben Pace u PC 1101 Keith Azzopardi fejn hemmhekk sabu lil certu Brian Borg b'xi griehi f'wiccu. Dan stqarr li kien ircieva *friend request* minghand certu Kimberlyn Xuereb fejn qaltlu sabiex jiltaqghu. Borg, li ghandu problemi ta' mobbilita`, qalilha li kellu problema biex johrog mid-dar u ftehmu li hi tmur fir-residenza tieghu sabiex taghmillu *massage* ghal €50.00. Kif waslet fuq il-post, ghokritu ghajnejh minnha u qalilha biex titlaq. Hi qaltlu li la kienet marret kellha tithallas xorta u hatfitlu l-*pouch* li kien imdendel mal-*wheelchair* waqt li aggredietu f'wiccu kif ukoll harget arma li ppuntat lejh u heddidtu biha. Jidher li Borg irnexxielu jirrezisti lill-Xuereb u din telqet minn fuq il-post. Il-Pulizija elevat *boots* iswed, *handbag* ahmar u arma tal-plastik minn fuq il-post u gie nnutat li kien hemm ukoll CCTV kamera li kienet tal-istess Brian Borg u li minnha gew elevati xi *stills*. L-imputata giet identifikata f'dawn il-filmati, partikolarment minhabba xi tattoos illi hija ghandha fuq darha. Fl-10 t'April 2019, wara perjodu ta' zmien fejn il-Pulizija sabet diffikultajiet sabiex tintraccja lill-imputata, din intlemhet barra u giet arrestata u mitkellma gewwa l-Ghassa tal-Belt fejn hija tat stqarrija wara li ghazlet li ma tikkonsultax ma avukat.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Jeffrey Scicluna**, stazzjonat l-Ghassa tal-Belt Valletta, li stqarr li nhar 1-10 ta' April 2019 kien gie nfurmat mill-Ispettur Priscilla Caruana kienet ghadha kemm giet arrestata l-imputata Kimberlyn Xuereb. Ix-xhud kien prezenti waqt li l-imputata tat stqarrija fl-Ghassa tal-Belt wara li ghazlet li ma tikkonsultax ma′ avukat. Ma kellu l-ebda involvement ulterjuri fil-kaz.

Fis-seduta tat-12 ta′ Settembru 2019 xehdet **it-Tabiba Maria Christina Axiaq**, adetta fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana. Hija kkonfermat li nhar it-2 ta′ Frar 2018 ghall-habta ta′ 23:40hrs ezamitat lill-parte civile Brian Borg fejn instab li kien qed isofri minn girfa superficjali fuq il-mohh li tibqa′ niezla ghal fuq il-habba tal-ghajn ix-xellugija ta′ madwar sitt centimetri, nefha u barxa fuq ix-xoffa t′isfel lejn in-naha tax-xellug u girfa ta′ madwar centimetru u nofs fuq il-mohh. Dawn il-griehi gew certifikati li huma ta′ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet.

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Dr Andrea Agius Anastasi**, adett fl-Isptar Karin Grech, li gharaf u kkonferma c-certifikat redatt minnu li jinsab ezebit a Fol 90. Huwa spjega li l-parte civile Brian Borg juza l-*wheelchair* minhabba problem fl-ispina naxxenti minn griehi li huwa sofra lura fis-sena 1990.

Fis-seduta tal-24 t′Ottubru 2019 xehed **it-Tabib Mario Scerri**, espert mediko-legali mahtur mill-Qorti sabiex jirrelata dwar il-mobbilita` tal-parte civile Brian Borg. Huwa ezamina lill-Borg nhar is-17 t′Ottubru 2019 fid-dar tieghu fil-Belt Valletta. Instab li Borg kien fil-*wheelchair* minhabba problem ta′ mobbilita` naxxenti minn korriment fix-xewka ta′ daru u stqarr ripetutament li ma jistax jitla′ l-Qorti minhabba li ma ghandu lil hadd min jghinu. L-espert spjega li fil-fehma tieghu, jekk jintbaghtlu transport, il-parte civile jista′ jitla′ l-Qorti.

Fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020 xehed **PS 549 Reuben Pace**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta, li kkonferma li huwa kien prepara r-rapport relattiv ghall-incident *de quo*. Huwa kkonferma rrapport ezebit fl-atti filwaqt li ccara li qatt ma kellem lill-imputata.

Fl-istess seduta xehed **PC 1101 Keith Azzopardi**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta li spjega li nhar l-1 ta' Frar 2018 flimkien ma PS 549 irrisponda ghal rapport dwar argument fi Triq San Gwann, il-Belt Valletta. Kien irrizulta li l-allegat vittma kien certu Brian Borg li qal li kien gie aggredit mill-imputata Kimberlyn Xuereb u sahansitra mwaqqa' mill-*wheelchair*. Fuq il-post kienu nstabu *handbag* ahmar u arma tal-plastik. Ix-xhud iccara li huwa ma kienx tkellem mal-imputata.

Fl-istess seduta xehdet **Maria Dolores Fenech**, Assistant Registratur tal-Qrati Kriminali, li ezebiet ghadd ta' sentenzi li inghataw fil-konfront tal-imputata Kimberlyn Xuereb.

Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2021 xehdet **Deborah Farrugia**, eks-ufficjal tal-*probation*. Hija spjegat li giet mghoddija il-kaz tal-imputata Kimberlyn Xuereb f'Ottubru 2014 u damet inkarigata minnu sa Lulju 2019. Qabel dan, l-imputata kienet segwita mill-ufficjal tal-*probation* Odelsie Vella Bayliss. Spjegat li lejn il-bidu, l-imputata kienet tattendi ghall-appuntamenti b'mod sporadiku, madankollu, meta saru testijiet tal-awrina ghall-sustanzi illeciti, dawn irrizultaw fin-negattiv. Kien f'Marzu 2016 li rrizultat posittiva ghall-kokaina. Skont ix-xhud, l-imputata ma tantx kellha ghajnuna mill-familja u kien hemm lok ta' ezempji hziena minhabba li kien hemm problema ta' abbuz mid-droga mill-familjari. Ghall-habta ta' Frar 2018, jidher li l-imputata giet mahkuma minn dipressjoni u ftit li xejn kienet tohrog mid-dar. Ix-xhud stqarret li minn

naha taghha, qatt ma sabet problema sabiex tintraccja u zzomm kuntatt mal-imputata mil-lat ta' indirizz residenzjali. Lejn is-sena 2018 ir-rizultati tat-testijiet ghad-drogi regghu bdew jigu negattivi. Wara li l-imputat inghatat il-liberta` provvizorja in konnessjoni ma' dan il-kaz, hija marret toqghod ghand ommha u x-xhud ma kellhiex aktar kuntatt maghha.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni – Serq aggravat**

L-imputata tressqet tali kkomettiet serq aggravat bil-vjolenza, bil-persuna, bil-lok u bil-hin ghad-detriment ta' Brian Borg.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[7]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

[7] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[8]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il- provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravji tas-serq kontestati f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-vjolenza, tal-persuna, l-lok u l-hin. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputata u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-vjolenza,jista ssir, fost cirkostanzi ohra, meta l-halliel jipprezenta ruhu armat.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-hin jista jsir bil-lejl, jiġifieri,bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-lok jista jsir meta jsir f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha.

L-aggravju tal-persuna, huwa kkunsidrat meta ssir minn mis-seftur, mistieden jew xi hadd tal-familja tieghu, lukandier, tvernar, sewwieq ta' vettura, barklor kif ukoll meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xoghol, haddiem, profesur, artista, suldat, bahri jew impjegat iehor.

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda ta' L-Ispettur Jeffrey Scicluna[9] irrizulta l-imputata kienet ilha mfittxija ghal zmien sena fir-rigward dan il-kaz. Illi mill-investigazzjoni tal-kaz l-imputata giet identifikata fuq CCTV footage li kienu ttiehdu mid-dar tal-vittma fejn fihom giet identifikata mara hierga minn go dar nofsha mnezza b'tatoos fuq darha. Illi dawn it-tatoos kienu identici ghal dawk it-tatoos fuq dahar l-imputata.

Irrizulta wkoll li gewwa dan il-indirizz tal-vittma kien thalla basket ahmar fejn fil-basket kien hemm ircevuta li tghajjat lil-imputata kif ukoll revolver tal-loghob li kien intuza waqt ir-reat.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Priscilla Caruana Lee[10] irrizulta li l-vittma Brian Borg kien ircieva *Friend Request* fuq Facebook minnghand l-imputata u talbitu sabiex jiltaqghu. Peress li l-vittma kellu problemi ta' mobilita' stante li kien juza siggu tar-roti, l-imputata talbitu sabiex tmur ir-residenza tieghu u taghmillu *massage* ghal €50, li accetta. Meta marret, Borg qalilha biex titlaq izda hi pretendiet li tithallas u hatfitlu *pouch* li kien imdendel mal-*wheelchair* tieghu. Waqt li kienet qed tahtaflu l-*pouch*, aggredietu f'wiccu kif ukoll harget arma li ppuntatha lejh u heddidtu biha. Il-vittma rnexxilu jirrezistiha u mbuttaha barra minn daru. Madankollu fil-kartiera li kien hemm gewwa *l-pouch* instab li kien hemm tletin Euro (€30) nieqsa, filwaqt li d-dokumenti ta' l-identita' u *cashlink cards* gew ritornati lura lill-vittma.

Fuq il-post in kwistjoni l-pulizija elevaw *handbag* ahmar li go fih instabet ircevuta bit-titolu Corradino Correctional Facilities li tindika li certu Jesmond D'Emanuele hallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) ghan-nom Kimberlyn Xuereb nhar it-2 ta' Ottubru 2016 u hija ffirma bl-inizjali CO 49.

---

[9] Folio 19-20 ta' l-atti processwali

[10] Folio 21-22 ta' l-atti processwali

Fuq wara ta' l-istess ircevuta jinsab miktub bl-ahmar indirizz bl-ahmar u numru tal-*mobile.*[11]

L-Ispettur Caruana kkonfermat fix-xhieda taghha li gie nnuttat fuq l-imputata diversi tattoos, fosthom wahda fin-nofs tad-dahar fejn hemm fjuri homor kif ukoll weraq bil-kliem 'Brown' kif ukoll ohra fin-naha tax-xellug tad-dahar fil-parti t'isfel bl-isem 'Ian'.

Il-pulizija esebiet numru ta' stills ta' ritratti mehuda minn CCTV *footage* li nsabet fuq il-post in kwistjoni.[12] Gie esebit ukoll l-istess CD.[13] Il-Qorti rat ir-ritratti kollha kif ukoll rat ic-CCTV *footage* kollu.

Illi dawn ir-ritratti u c-CD igibu d-data tat-2 ta' Frar 2018 u jindikaw l-hin ta' wara nofs il-lejl. Fir-ritratti kif ukoll fis-CCTV *footage* l-incident jirrizulta b'mod car u jidher li kien qed isir matul il-lejl ta' bejn l ta' Frar u tat-2 ta' Frar 2018 fis-sieghat bikrin ta' filghodu ftit wara nofs il-lejl.

Madankollu l-imputata hija akkuzata tali kkomettiet ir-reat nhar l-1 ta' Frar 2018 bejn 22.30hrs u 23.15hrs.

Fl-ewwel ritratt jidher ritratt car ta' persuna feminili, b'xaghar twil, liebsa boots suwed, iggor basket ahmar li juri li hija l-imputata. Mir-ritratti wiehed jista jara diversi oggetti suwed mixhutin ma l-art kif ukoll persuna b'tattoo fuq darha bil-flokk taghha jidher li qed jinqala minn ma rasha u li ghaddej xi tip ta' alterkazzjoni bejnha u persuna li ma tidhirx kemm fir-ritratti kif ukoll fl-istess CCTV *footage.*

**Il-verzjoni tal-imputata**

Illi l-imputata ghazlet li ma taghtix ix-xhieda taghha viva voce matul dawn il-proceduri hekk kif inhuwa d-dritt taghha[14]. Madankollu jirrizulta li l-

[11] Dok PCL1, Folio 23 ta' l-atti processwali
[12] Dok PCL3, Folio 25 ta' l-atti processwali
[13] Folio 92 ta' l-atti processwali

imputata kienet irrilaxxjat stqarrija mal-pulizija meta kienet investigata dwar il-kaz.

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[15] ta' l-imputata ittiehdet nhar il-10 ta' April 2019 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Belt Valletta fl-ufficju ta' l-Ispettur Jeffrey Scicluna fil-prezenza ta' l-Ispettur Priscilla Caruana Lee u l- Ispettur Jeffrey Scicluna u dan wara li kienet inghatat is-solita twissija u wara nghatawlha d-drittijiet kollha taghha dwar il-jedd li tikonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha qabel issirlha xi interrogazzjoni.[16]

Illi wara li l-imputata inghatalha il-jedd li qabel ma ssirilha xi investigazzjoni tithalla, kemm jista' jkun malajr, titkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazlet li ma tezercitax dan id-dritt u irrinunzjat ghalih. [17]

Illi fl-istqarrija l-imputata Kimberlyn Xuereb ghazlet li tiffirma l-istqarrija taghha fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputata ghazlet li ma tweigibx ghal maggoranza tal-mistoqsijiet u dawk pertinenti ghal kaz in kwistjoni.

**<u>Il-verzjoni tal-vittma</u>**

Illi l-vittma kien ta l-ewwel verzjoni tieghu mal-pulizija dak in-nhar ta' l-incident u hekk kif inhi registrati fl-okkorenza tal-pulizija.[18] F'din il-verzjoni spejga kif l-imputata kienet ghamlet kuntatt mieghu fuq *Facebook* u bdiet tghidlu biex jitlaqghu u tmur ghandu taghtih il-massaggi ghal hamsin Euro. Waslet ghandu ghal xi l-ghaxra ta' fil-ghaxija u talabha tnehhi z-zarbun taghha qabel tidhol ghandu. Wara li dahhlet ghandu biddel fehmtu u talabha

---

[14] Folio 172 ta' l-atti processwali
[15] Dok PC3 Folio 12-14 ta' l-atti processwali
[16] Dok PL2 Folio 11 ta' l-atti processwali
[17] Dok PL2 Folio 11 ta' l-atti processwali
[18] Current Incident Report, Dok PCL 12, Folio 93-97 ta' l-atti processwali

biex titlaq. Dak il-hin inqala argument ghaliex l-imputata ippretendiet li tithallas la ghadet tinqala tmur ghandu u giet mill-Bormla sal-Belt. L-argument eskala, gew fl-idejn, l-imputat harget arma li kienet finta u gibdet *pouch* li kellu l-vittma sabiex tehdolu l-flus. Il-vittma irnexxielu jimbutta l-imputata l-barra izda fil-mori tal-glieda safa aggrediet minnha f'wiccu u serqitlu l-flus.

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju tieghu ghal-Qorti talab kemm il-darba sabiex jitla jixhed il-vittma Brian Borg.

Illi nhar it-12 ta' Settembru 2019 xehed it-tabib Dr. Andrea Agius Anastasi[19] li spejga lill-Qorti li l-vittma ibati minn diversi kundizzjonijiet u problemi medici li jrendu l-mobilita' tieghu difficli. Ix-xhud esebixxa dokument li bih jindirizza s-severita tal-problemi medici li ghandu.[20]

Fid-dawl ta' din ix-xhieda, l-ufficjal prosekutur talab sabiex jinhatar espert sabiex jezamina l-istat ta' Brian Borg illum il-gurnata u jidetermina jekk jistax jattendi l-Qorti.

Il-Qorti laqghet it-talba u appuntat lit-tabib Dr. Mario Scerri ghal dan il-ghan u akkordatlu l-fakultajiet li jitnisslu mill-artikolu 650(5) tal-Kodici Kriminali.

Sussegwentement xehed it-tabib Mario Scerri li esebixxa rapport[21] u kkonferma li l-vittma illum il-gurnata jinsab f'siggu tar-roti u ghandu diffikolta ta' mobilta. Madankollu *"huwa ambjentat ghal-lok, hin u persuna u jirrispondi b'mod korrett u coherent ghad-domandi li jsirulu."*[22] Ix-xhud ikonferma li l-Isptar kienet f'posizzjoni li tipprovdilu transport sabiex jattendi ghall-Qorti bhal ma gieli gara f'kazijiet ohra simili.

[19] Folio 88-89 ta' l-atti processwali
[20] Dok AA1, Folio 90 ta' l-atti processwali
[21] Dok MS1, Folio 104-109 ta' l-atti processwali
[22] Folio 102 ta' l-atti processwali

Illi nhar il-20 ta' Frar 2020 ix-xhud Brian Borg ma deherx sabiex jaghti x-xhieda tieghu minkejja li giet pprezentata riferta posittiva. Ghaldaqstant il-Qorti ordnat li johrog mandat t'akkumpanjament u li jinghatlu kull ghajnuna necessarja ghal mobilita tieghu.[23]

Fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2020 l-ufficjal prosekutur iddikjarat *li minhabba ragunijiet validi medici li spjegalha s-Sur Brian Borg, il-prosekuzzjoni f'dan l-istadju qed tirrinunzja minn l-imsemmi xhud Brian Borg milli jixhed.*[24]

Fl-istess udjenza l-prosekuzzjoni iddikjarat il-provi bhala definittivament maghluqa. Madankollu, l-Avukat Generali fir-rinvija ghall-gudizzju tieghu, mibghutin bir-riserva, gie mitlub sabiex il-Qorti *Tisma' lil Brian Borg sabiex jixhed dwar il-fatti tal-kaz maghrufin minnu.*[25] Fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2020 wara li nqraw l-artikoli ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali u l-Qorti kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-prosekuzzjoni

*B'referenza ghar-rekwisit numru hamsa fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali, il-prosekuzzjoni terga tiddikjara li qed tirrinunzja ghax-xhud Brian Borg.*

Minn dawn il-proceduri jirrizulta b'mod car ir-riluttanza tal-parte civile li jattendi sabiex jixhed quddiem il-Qorti. Filwaqt li l-prosekuzzjoni infurmat il-Qorti li r-ragunijiet moghtija lilha mix-xhud sabiex ma jattendix kienu ragunijiet medici, liema ragunijiet kienu gustament validi, minn ezami tat-tabib Mario Scerri irrizulta li x-xhud kien kapaci jixhed u kien jirrikjedi biss assistenza prattika sabiex jattendi, liema assistenza kienet giet offerta fis-shih, izda baqghet tigi rifjutata minnu.

Min-naha taghha l-prosekuzzjoni giet bejn haltejn, minn naha l-wahda sabet ruhha mitluba tesegwixxi dak mitlub fir-rinviju ta' l-Avukat Generali u min-

[23] Folio 122 ta' l-atti processwali
[24] Folio 128 ta' l-atti processwali
[25] Folio 135 ta' l-atti processwali

naha l-ohra, ma tisfurzax lill-parte civile, persuna b'diffikultajiet medici serji, li jattendi l-Qorti u jaghti x-xhieda tieghu viva voce kontra x-xewqat tieghu.

Illi Brian Borg huwa x-xhud principali f'din il-kawza u certament huwa l-unika persuna li jista jispjega l-avveniment, jitfa dawl fuq il-fatti u jispjega kif l-allegat reati sehhu. Fin-nuqqas li jattendi u fid-dawl tar-rinunzja tal-prosekuzzjoni inhalaq lacuna sinifikanti, jekk mhux detrimentali ghal-kaz tal-prosekuzzjoni.

Fid-dawl tac-cirkostanzi, il-Qorti, fin-nuqqas tax-xhieda tal-vittma, trid bil-fors tistrieh fuq il-kumplament tal-provi tal-prosekuzzjoni li huma cirkostanzjali u filwaqt li jitfghu dawl fuq x'seta gara, mhumiex ikkoroborati bl-elementi formali tar-reati in kwistjoni.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-provi mressqa, u in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni irrinunzjat ghax-xhud principali, din il-Qorti tqis li m'ghandix bizejjed provi mressqa quddiemha sabiex tiddertmina sal-grad rikjest fil-ligi jekk ir-reati sehhux jew le u tqis li r-reat tas-serq ma giex ippruvat u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputata minn kull htija u piena dwarha.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni u r-raba imputazzjoni – Offiza hafifa u hebb kontra l-persuna**

In segwitu ta' dak li ntqal hawn fuqu, il-vittma Brian Borg gie ezaminat minn tabiba Dr. Maria Christina Axiaq li harget certifikat mediku li kien qed isofri minn griehi hfief fil-wicc.

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha Primarja gewwa l-Floriana mit-tabiba Dr. Maria Christina Axisa Med Reg No.

4085 nhar l-1 ta' Frar 2018 ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin ghoxrin a favur Brian Borg.[26]

Illi c-certifikat jindika griehi superficjali minn fuq il-mohh u tibqa' niezla ghall fuq il-habba x-xellugija, nefha fuq ix-xoffa t'isfel, girfa fuq nofs il-mohh u barxa superficjali fuq in-nahha ta' gewwa tax-xoffa t'isfel.

It-tabiba kklasifikat il-girehi bhala hfief, ghajr xi konsegwenzi li jistghu jinqalghu fil-futur.

Dan ic-certifikat gie ikkonfermat mit-tabiba Dr. Maria Christina Axiaq meta xehdet nhar it-12 ta' Settembru 2019 u ikkonfermat li kienet marret fir-residenza tal-vittma sabiex tezaminah.[27]

Madankollu kif gie spejgat hawn fuq, fin-nuqqas tax-xhieda tal-vittma, il-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest fil-ligi u sejra tghaddi sabiex tilibera lill-imputata mit-tieni u r-raba' imputazzjonijiet.

**It-tielet imputazzjoni - Garr ta' arma**

Illi a skans ta' ripetizzjoni ta' fatti imsemmija aktar il-fuq f'din is-sentenza, fuq il-post in kwistjoni, il-pulizija elevaw arma. Il-pulizija esebit ritratt ta' l-arma in kwistjoni.[28]

Irrizulta li din il-arma mhiex wahda vera izda merament finta.

*"Irrizulta illi ghalkemm l-arma tidher wahda kif suppost u reali, fil-verita hija wahda finta."*[29]

Madankollu l-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-garr ta' arma kien qed issir waqt li l-imputata kienet qeda twettaq reat. In vista tal-fatt tal-liberazzjoni tal-

[26] Dok PL9, Folio 15 ta' l-atti processwali
[27] Folio 85-87 ta' l-atti processwali
[28] Dok PCL3, L-ewwel u t-tieni ritratt, Folio 25 ta' l-atti proesswali
[29] Rapport ta' l-incident, Folio 95 ta' l-atti processwali

imputata ghal-imputazzjonijiet imsemmija hawn fuq, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq din il-imputazzjoni u sejra tghaddi sabiex tilibera mit-tielet imputazzjoni.

**Il-hames imputazzjoni – Theddid jew ingurja**

Illi mill-provi mressqin ma rrizultax li l-imputata heddidt jew ingurjat lil Brian Borg u ghaldaqstant din il-imputazzjoni mhix ippruvata u l-Qorti sejra tghaddi sabiex tilibera mill-hames imputazzjoni.

**Is-sitt imputazzjoni – Ksur ta' provediment tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-imputata hija akkuzata talli kisret il-provediment ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, skond ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata moghti b'sentenza tas-27 ta' Marzu 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel kif ukoll skond l-Ordni tal-Probation.[30]

Illi mill-atti ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni ressqet l-ufficjal prosekutur ta' din is-sentenza bhala prova u lanqas ma jirrizulta li d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq bhal xhud lil ufficjal prosekutur ta' din is-sentenza bhala xhud ta' l-identita ta' l-akkuzata fis-sentenza debitament ipprezentata. Madankollu din il-Qorti tara li l-konnotati ta' l-imputata taqbel fis-sentenza ma dawk ta' l-imputazzjonijiet, kif ukoll ma dawk registrati fil-fedina penali taghha stess u ghaldaqstant din il-Qorti tqis li s-sentenza in kwistjoni bhala valida.

Illi l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

[30] Dok PCL 4, Folio 26-31 ta' l-atti processwali

*23. (1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti-*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata,* ***tista'*** ***tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat****;*

Fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2017 (esebita a folio 26-28) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-imputata ammetiet ghall l-ewwel imputazzjoni tat-tlajjar u dan wara li rrizulta li t-tieni imputazzjoni hi preskritta u t-tielet imputazzjoni giet irtirata. Ghal dan ir-reat, in vista tal-ammissjoni taghha, l-imputata f'dik il-kawza giet liberata bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputata tinsab akkuzata li fl-1 ta' Frar 2018 hija kisret l-ordni ta' liberta' kundizzjonata moghti fis-27 ta' Marzu 2017.

Ghalkemm l-artikolu 23 jsemmi li l-ksur tal-ordni jista' jsehh ghal ksur ta' kull reat, u ghalhekk mhux delitti biss, il-ligi stess thalliha f'idejn il-Qorti taghzel jekk tittrattax lill-imputata ghar-reati li ghalihom gie moghtija l-ordni taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-artikolu 22 (2) u (3) tal-Kap. 446 jghidu hekk:

> *(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).*
>
> *(3) Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat magħmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tiġi dikjara ta ħatja, jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omiċidju involuntarju, jew offiża involontarja fuq il-persuna, jew ħsara involontarja fuq il-proprjetà.*

Minkejja dan il-Qorti tista tikkunsidra din il-imputazzjoni BISS jekk l-imputata tinsab hatja tar-reati li bihom tressqet. In vista tal-fatt li kif diga indikat hawn fuq l-imputata ser tigi liberata minnhom din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni mhix ippruvata.

**Ikkunsidrat**

**Is-seba, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet – komissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.**

Illi l-imputata hija akkuzata talli ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' tlett sentenzi sospizi kif ukoll ordnijiet ta' supervizzjoni u trattament hekk kif moghtija (it-tlieta li huma) nhar is-26 ta' Lulju 2016 mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech, liema sentenzi huma assoluta u ma jistghux jinbiddlu.

L-ufficjal prosekutur esebiet tlett sentenzi Il-Pulizija vs Kimberlyn Xuereb decizi mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech nhar is-26 ta' Lulju 2016.[31]

F'kull sentenza, fuq ammissjoni taghha stess, l-Qorti kkundannat lil-imputata (ghal tlett darbiet) ghal piena karcerarja ta' sitt xhur li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal sentejn. Inoltre l-hatja tpoggiet taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn skond l-artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tpoggiet ukoll taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn a tenur ta' l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali sabiex tindirizza l-vizzju tad-droga li kienet afflitta minnha.

Illi fir-rigward ta' dawn is-sentenzi l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputata jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali. Ghaldaqstant filwaqt li mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni ta' l-Ispettur Joseph Busuttil u l-Ispettur Louise Calleja milli jikkonfermaw s-sentenza, u ma tressqux mill-prosekuzzjoni biex jikkonfermawhom, ma dan kollu l-Qorti xorta tqis is-sentenzi in kwistjoni bhala validi in vista tal-fatt li l-konotati jaqblu ma dawk ta' l-imputata u jinsabu registrati fil-fedina penali taghha.

Illi ghalhekk jirrizulta car li dan ir-reat sar entro t-terminu tas-sentejn sospizi ghat-tlett sentenzu u dan it-tlett imputazzjonijiet gew ppruvati.

Illi mill-atti ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni ressqet l-ufficjal prosekutur ta' din is-sentenza bhala prova u lanqas ma jirrizulta li d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq bhal xhud lil ufficjal prosekutur ta' din is-sentenza bhala xhud ta' l-identita ta' l-akkuzata fis-sentenza debitamentipprezentata. Madankollu din il-Qorti tara li l-konnotati ta' l-imputata taqbel fis-sentenza ma dawk ta' l-imputazzjonijiet, kif ukoll ma dawk registrati fil-

[31] Folio 32-36 ta' l-atti processwali

fedina penali taghha stess u ghaldaqstant din il-Qorti tqis li s-sentenza in kwistjoni bhala valida.

Minkejja dan il-Qorti tista tikkunsidra dawn il-imputazzjonijiet BISS jekk l-imputata tinsab hatja tar-reati li bihom tressqet. In vista tal-fatt li kif diga indikat hawn fuq l-imputata ser tigi liberata minnhom din il-Qorti tqis li dawn il-imputazzjonijiet mhux ippruvati.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

Il-prosekuzzjoni esebit diversi sentenzi hekk kif imsemmija hawn fuq u b'zieda maghom esebit ukoll sentenza ohra moghtija nhar il-4 ta' April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Emeritus Dr. Carol Peralta fejn fuq ammissjoni ta' l-imputat instabet hatja ta' tlajjar u giet ikkundannata tlett xhur habs sospizi ghal disa xhur bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[32]

Illi dawn is-sentenza kollha sservu bhala prova tar-recivida skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Mix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech irrizulta li l-ebda minn dawn is-sentenzi gew appellati u ghalhekk huma meqjusa bhala *res judicata.*[33]

Illi fir-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali indikat ukoll l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

l-artikolu 49(1) jistqarr:

[32] Folio 160 ta' l-atti processwali
[33] Folio 167-170 ta' l-atti processwali

*(1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġietmaħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha,tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għaldak id-delitt ieħor.*

In sostenn tas-sentenzi diga esebiti mill-prosekuzzjoni, giet esebita sentenza tas-27 ta' Marzu 2017 (esebita a folio 29-31) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-imputata ammetiet ghall l-ewwel imputazzjoni tat-tlajjar u dan wara li rrizulta li t-tieni imputazzjoni hi preskritta u t-tielet imputazzjoni giet irtirata. Ghal dan ir-reat, in vista tal-ammissjoni taghha, l-imputata f'dik il-kawza, l-imputata tpoggiet taht Ordni ta' Probation ghal zmien tmintax-il xahar bil-ghan li tinghata ghajnuna biex teghleb il-vizzju tad-droga u dan skont Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu fir-rigward din is-sentenza, l-imputat ma tressqitx bi ksur t'' Ordni ta' Probation u din il-Qorti ser tqis din il-prova ghal-finijiet ta' l-addebitu tar-recidiva.

Illi f'dan il-kaz sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward ara sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell

nhar is-17 ta' Settembru 2004 kif ukoll **Il-Pulizija vs Stephen Zahra**[34] fejn il-Qorti stqarret li la darba s-sentenza mghottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jigi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistghu jittiehdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva.

Ghaldaqstant filwaqt li din il-Qorti tqis li l-addebitu tar-recidiva ghal fini tal-artikoli 49 u 50 gie ppruvat din il-Qorti tista tikkunsidra din il-imputazzjoni BISS jekk l-imputata tinsab hatja tar-reati li bihom tressqet. In vista tal-fatt li kif diga indikat hawn fuq l-imputata ser tigi liberata minnhom din il-Qorti tqis li l-addebitu tar-recidiva mhix ippruvata.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli minghuta fir-rinvija ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u cioe:

a) Fl-artikoli 261(1)(d)(e)(f), 262(1)(a)(b)(2), 268(b)(d), 269(g), 270, 274(c), 276A, 277(a) u 281(a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Fl-artikoli 214, 215, 221(1) u 222A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-artikoli 55(a), 57 u 61 tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[34] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef David Scicluna; Deciza 30 ta' April 2008

e) Fl-artikolu 22 u 23(1)(a)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Fl-artikoli 28A, 28B(1)(2)(4)(5), 28C(1), 28G(1)(2)(3)(5)(a) u 412D(1)(2)(3)(4) tal- tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) Fl-artikoli 28A, 28B(1)(2)(4)(5), 28C(1), 28G(1)(2)(3)(5)(a) u 412D(1)(2)(3)(4) tal- tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h) Fl-artikoli 28A, 28B(1)(2)(4)(5), 28C(1), 28G(1)(2)(3)(5)(a) u 412D(1)(2)(3)(4) tal- tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i) Fl-artikoli 49 u 50 tal- tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j) Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

k) Fl-artikoli 7, 8, 11, 12, 13, 14, 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

issib lil Kimberlyn Xuereb **mhux hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u tilibera minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar it-30 ta' Novembru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**